MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-29 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 1185/2012

**Benjamin Anthony Boarer**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-28 ta’ Novembru 2012 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi l-esponent Benjamin Anthony Boarer twieled fil-15 ta’ Settembru 1989 ġewwa Devon fir-Renju Unit.

Illi, filwaqt li l-ġenituri tiegħu, Anthony Mallia u Rachel Boarer, ma kienux miżżewġin, l-istess Anthony Mallia immedjatament irrikonoxxa lill-esponenti bħala l-wild naturali tiegħu, u fil-fatt fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-esponent,

l-istess Anthony Mallia ġie mniżżel bħala l-missier naturali tiegħu.

Illi, bid-deċiżjoni tal-ġenituri tiegħu, l-istess Anthony Mallia u Rachel Boarer, l-esponent baqa' magħruf bil-kunjum ta' ommu, u ċjoe' ta' 'Boarer' u dan peress illi l-istess esponent kien, flimkien ma' ommu, residenti ġewwa l-Ingilterra u għalhekk il-ġenituri ftehmu, fl-ahjar interess ta' binhom, li huwa jibqa' magħruf b'kunjom Ingliż ossija l-kunjom maternali ta' 'Boarer'.

Illi, ftit wara t-twelid tiegħu, l-esponent ġie joqgħod hawn Malta. Illi fl-24 ta' Novembru 2000, l-esponent ġie dikjarat ċittadin tar-Repubbllika ta' Malta, u dan permezz ta' dikjarazzjoni rilaxxjata mid-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u ta' l-Expatriates.

Illi, għalkemm fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu, missier l-esponent ġie identifikat u mnizzel bħala Anthony Mallia, l-istess esponent baqa' magħruf mad-Dipartiment konvenut u ma' awtoritajiet oħra hawn Malta bil-kunjom tal-omm, ċjoe' bil-kunjom 'Boarer' u mhux dak ta' 'Mallia'.

Illi d-diskrepanza tista' potenzjalment tqajjem problemi u / jew diffikultajiet prattiċi fil-ħajja ċivili tal-esponent, il-ġenituri tiegħu għażlu li jistitwixxu proċeduri ġudizzjarji *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta). Permezz ta' ċitazzjoni bin-numru 67/2005/GC ippreżentat nhar is-26 ta' Jannar 2005, il-ġenituri tal-esponent talbu lil dina l-Onorabbli Qorti, *inter alia*, togħġobha tiddikjara illi l-kunjom tal-minuri (l-esponent illum maġġorenni) għandu jkun dak ta' missieru, u ċjoe' l-kunjom ta' *Mallia*.

Illi, waqt is-smiegħ tal-imsemmija kawża quddiem dina l-Onorabbli Qorti, il-ġenituri tal-esponent eżebew vera kopja ta' *'Deed-Poll'* li bis-saħħa tagħha Rachel Boarer kienet, nhar il- 25 ta' Lulju 1990 irrinunzjat f'isem binha, l-esponent Benjamin Anthony Boarer, għall-użu da parti tiegħu tal-kunjom *ossija* l-kunjom ta' 'Boarer' u assumiet f'ismu l-kunjom ta' missieru ossija l-kunjom 'Mallia'.

Illi, għalkemm l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba tagħhom permezz tas-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2008, fid-29 ta' Ottubru 2008 id-Direttur intimat intavola appell fejn, fost l-aggravji illi semma l-istess Direttur fir-rikors ta' appell tiegħu kien *(u hawnhekk l-esponent qiegħed jagħmel bir-rispett referenza għall-ħames aggravju tad-Direttur intimat skont kif qegħdin numerati fir-rikors tal-appell tal-istess Direttur)* illi d-*deed poll* li ġie eżibita ma kellhiex valur probatorju bħala dokument minħabba l-allegat nuqqasijiet ta' formalitajiet u minħabba l-allegat nuqqas ta' provi sostanzjali dwar il-validita' u / jew awtenticita' tal-istess strument legali taħt is-sistema tal-liġi Komuni kif applikat ġewwa r-Renju Unit.

Illi fil-qosor l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Jannar, 2011 għażlet li tabbraċċja dan l-aggravju u ddeċidiet is-segwenti: *"Din il-Qorti hija preokkupata li tara li ma jkunx hemm diskrepanza f'isem u kunjom it-tifel bejn Malta u l-Ingilterra, u ladarba ma saritx prova ċara tal-validita' u l-effetti tal-hekk imsejjaħ deed poll ġewwa l-Ingilterra, ma tarax li tista' timxi mod ieħor. Din il-Qorti, biex ma tippreġudikax il-pożizzjoni tal-attur li jirrimedja għan-nuqqasijiet riskontrati f'din il-kawża, mhux se tiċħad it-talbiet tal-attur, pero' se tillibera l-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju, peress li l-attur naqas li jġib prova sodisfaċenti tal-liġi estera li tirregola l-materja."*

Illi, fid-dawl tal-osservazzjonijiet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, ġie magħmul *'Deed Poll'* nhar it-30 ta' Settembru, 2011 fejn l-esponent irrinunzja, kategrikament u b'mod assolut, għall-użu tal-kunjom maternali *ċjoe'* l-kunjom ta' Boarer u adotta u assuma l-kunjom ta' missieru *ossija* l-kunjom ta' 'Mallia'.

Illi id-*Deed Poll* jikkostitwixxi strument validu sabiex l-esponent jiġi identifikat, magħruf u reġistrat hawn Malta bil-kunjom tal-missier. Dan qed jingħad billi l-istess *deed poll* jissodisfa l-kriterji kollha tad-Direttur intimat u ċjoe' dan id-*Deed Poll* għandu *apostille*, huwa dokument awtentiku, ġie ċertifikat mill-Kap Eżekuttiv tal-Uffiċċju kompetenti ġewwa r-Renju Unit *ossija* il-UK Deed Poll

Service u l-iffirmar ta' dan l-istrument sar fil-preżenza tal-Avukat sottofirmat, l-Avukat Dottor Nicholas Valenzia.

Illi, id-*Deed Poll* in kwistjoni jirrifletti l-istat ċivili attwali tal-individwu konċernat fit-tradizzjoni legali Ingliża u dan peress illi huwa għall kollox impossibli li jiġi emendat ċertifikat tat-twelid reġistrat ġewwa l-Ingilterra, liema ċertifikat jiġi kkunsidrat strettament bħala rekord storiku. Għalhekk, huwa d-*Deed Poll* li jirregola u / jew jirrifletti l-identita' korretta tal-esponent taħt is-sistema Ingliża.

Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi jgħid l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kunjom tal-esponent għandu jkun 'Mallia', u dan in vista tar-raġunijiet premessi.

2. Tordna għalhekk lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel dawk il-korrezzjonijiet u tibdil meħtiega fiċ-ċertifikat tat-twelid u f'kull att ċivili ieħor u sussegwenti tal-istess Benjamin Anthony Boarer sabiex jinqara 'Benjamin Anthony Mallia'.

3. Tagħti kull provvediment ieħor opportun u neċessarju sabiex issir ir-reġistrazzjoni u konsegwenti emendi fl-Atti tat-Twelid u f'kull att ċivili ieħor u sussegwenti a tenut tat-tieni talba rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku, minna issa msejjaħ għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fil-31 ta' Diċembru 2012, fejn ġie eċċepit:

Illi *in limine litis*, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gażżetta tal-Gvern tal-

inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi preliminarjament, din l-azzjoni tidher li hija intempestiva għaliex ma kienitx preċeduta minn ittra uffiċjali kif hekk jirrikjedi l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta illi jgħid:

*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-sub-artikolu (2), ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista’ jiġi ppreżentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista’ jiġi mitlub, kontra l-Gvern … ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern … ta’ ittra uffiċjali jew ta’ protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b’mod ċar.*

Illi, dejjem bla ħsara għall-premess, l-attur qed jipprova jbiddel kunjomu permezz ta’ *deed poll*, imma dan ma jistax isir, għax kif qalet ben tajjeb il-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **“Anthony Mallia u Rachel Boarer pro et nomine vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku”** datata 31 ta’ Jannar 2011,

*taħt il-liġi Maltija, wieħed ma jistax “jirrinunzja” għall-kunjom u jaddottta ieħor, u kwindi, taħt il-liġi Maltija, dak id-deed poll jitqies null.*

Illi mill-atti li ġew notifikati lill-esponent ma nġabet ebda prova tal-liġi barranija għal dak li hemm imniżel fil-premessa numru tnax tar-rikorrent, u ċjoe’, li huwa impossibbli li jiġi emendat ċertifikat tat-twelid reġistrat ġewwa l-Ingilterra u ukoll li *deed poll* jirregola u / jew jirrifletti l-identita korretta tal-esponent taħt is-sistema Ingliża;

Illi mingħajr ħsara għas-suespost, a rigward it-tieni talba, l-attur għandu jispeċifika taħt liema artikolu tal-liġi huwa qegħed isejjes it-talba tiegħu ħalli b’hekk l-esponent jkun f’qagħda aħjar li jkun jista’ jwieġeb. Kwindi f’dawn iċ-ċirkostanzi l-esponenti bil-permess ta’ din l-Onorabbli Qorti umilment qiegħed jirriserva u jżomm sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ u

dan wara li r-rikorrenti jindika taħt liema dispożizzjoni tal-liġi hu qiegħed jesperixxi l-proċeduri istanti;

Illi, dejjem bla ebda preġudizzju għas-suriferit, jekk tali azzjoni qed tiġi sostnuta fuq l-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, isegwi li t-tieni talba tar-rikorrenti hija insostenibbli u dan *stante* li fiċ-ċertifikat tat-twelid l-attur kien ġie reġistrat bil-kunjom ‘Boarer’ u mhux ’Mallia’ u għalhekk  ma kienx sar xi żball jew saret xi ommissjoni. Għalhekk ġaladarba ma kien sar l-ebda żball jew ommissjoni jsegwi li l-ebda korrezzjoni jew tiswija ta’ kunjom ieħor ma tista’ tiġi effetwata lill-imsemmi att tat-twelid skond id-dettami tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi wkoll fl-att tat-twelid tal-attur ma hemm xejn x’jiġi korrett għax fuq dan iċ-ċertifikat (hawn anness u mmarket bħala Dok. BB1) ma hemmx imniżżel il-kunjom tat-tifel, iżda hemm biss l-isem u l-kunjom tal-ġenituri u isem l-attur, il-post tat-twelid, id-data tat-twelid, fejn twieldu l-ġenituri u min għamel id-dikjarazzjoni;

Illi fit-tielet talba tiegħu, l-attur talab sabiex issir ir-reġistrazzjoni ta’ *deed poll* maħruġ mill-awtoritajiet Inġliżi, iżda din it-talba ma tistax tiġi milqugħa, u dan għaliex dokument ma jistax jiġi rreġistrat *stante* li Artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili jippermetti li jiġu rreġistrati atti magħmulin jew reġistrati f’pajjiżi barranin biss u ebda dokumenti oħra u għalhekk dan id-*deed poll* ma jistax jiġi rreġistrat;

Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent m’huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x’jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

Illi bla preġudizzju għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti m’hijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir tal-esponent u kwindi huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kienu missier u

omm ir-rikorrent stess, Anthony Benjamin Mallia u Rachel Boarer respettivament, li kienu għamlu d-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid *de quo* u kien anke ffirmaw li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kompriżi l-affidavits.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Marzu 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawża hija msejsa fuq l-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi rimedju għal persuna li tirriskontra żball fl-att tat-twelid tagħha kif ukoll biex persuna titlob reġistrazzjoni ta' isem li bih tkun magħrufa għall-familja tagħha. Il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern saret debitament a fol 25.

Illi f'din il-kawża l-attur qed jagħmel it-talba tiegħu għal raġuni differenti mill-kawżi soliti f'dan ir-rigward; huwa bidel kunjomu *tramite* hekk imsejjaħ *'Deed Poll'* u dejjem kien magħruf bil-kunjom Mallia. Fil-fatt huwa ġja' stitwixxa kawża li ġiet finalment deċiża mill-Qorti tal-Appell kif spjega fir-rikors ġuramentat tiegħu. Din il-kawża ġiet deċiża billi l-konvenut ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju minħabba li skond il-Qorti ma saritx prova tal-liġi estera relattiva. Kif ukoll ġie spjegat il-Qorti tal-Appell għamlitha ċara li kienet preokkupata bil-fatt li l-attur kien se jkollu kunjom differenti fiż-żewġ pajjiżi.

Illi f'din il-kawża l-prova relattiva saret u allura m'hemmx problema biex il-Qorti tilqa' t-talba għall-korrezzjoni. L-eċċezzjoni li d-*deed poll* m'hijiex att m'hijiex fil-fehma tal-

Qorti sostenibbli u l-Qorti ma tarax li tista' tiġi definita b'mod ieħor. Il-Qorti pero' tista' tilqa' biss talbiet għall-korrezzjonijiet ta' atti li jiġu ndikati u mhux ta' atti oħra li ma jkunux speċifikati u għalhekk ma tistax tilqa' t-talbiet relattivi għal 'kull att ċivili ieħor'.

Illi l-Qorti pero' taqbel li l-konvenut m'għandux ibati spejjeż.

**DEĊIŻJONI**
**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi riferibbilment għall-att tat-twelid tal-attur, iżda fir-rigward ta' kull att ċivili ieħor tillibera lill-konvenut mill-osservnaza tal-ġudizzju.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------